MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 2266/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Edgar Casingena u l-istess Edgar Casingena**

**Vs**

**Clinton Gatt**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-ammont ta' Lm376.07c (tlett mija u sitta u sebghin lira Maltin u seba' centezmi) rapprezentanti danni wara ncident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn cahad li kien responsabbli ghall-incident.
Fir-Risposta l-konvenut qal li l-attur dahal fuq ir-rota ta' wara tal-lemin tat-trakk misjuq mill-konvenut. Il-konvenut

qal li kien qed isuq fil-karreggjata tieghu bi prudenza u skond ir-regolamenti.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidra**

Li l-pulizija li nvestiga l-incident hekk kiteb fir-*Road Accident Report*:

L-attur qal:

“Kont ghaddej minn Triq l-Industrija direzzjoni lejn Valletta u fil-kisra li hemm ftit ‘l isfel mis-Super One il-vettura bin-numru LCC 418 mar jaqla’ vettura ohra li kienet qieghda quddiemu dahal fija.”

Il-konvenut qal:

“Kont ghaddej minn quddiem is-Super One direzzjoni lejn Valletta u f’daqqa wahda smajt hoss mat-tyre ta’ wara tan-naha tal-lemin u ndunajt li l-vettura FAJ 614 dahlet fija.”

Meta xehed l-attur Casingena qal li kien fuq il-lane tan-naha ta’ Stainless Steel u fuq ix-xellug tieghu kien hemm vann Isuzu. Casingena qal li f’daqqa wahda l-vann kiser ghal gol-lane tieghu u saret il-habta. L-attur qal li wara l-incident il-konvenut qal “ma gara xejn issa tirranga kollox l-insurance.”
Fil-kontro-ezami l-attur qal li l-konvenut kien ghadda minn hdejh u kif gie fid-dawra sab karozza ghaddejja bil-mod quddiemu. Dam ftit wara din il-vettura. Sadanittant Casingena lahaq mieghu u mbaghad kiser fuq il-lane tieghu. Casingena qal li l-habta saret fir-raba’ lane. Hu spicca kif indikat fl-iskizz ghaliex ipprova jevita lill-konvenut.

Il-konvenut xehed li hu kien qed isuq fit-tielet lane minn fejn is-Super One sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Meta gie ghall-kisra fejn il-BIM hass daqqa, baqa’ fit-tielet lane u waqaf. Il-konvenut qal li ma jaqbilx ma’ l-iskizz. Il-

konvenut qal li l-vettura ta’ l-attur waqfet bejn ir-raba’ lane u t-tielet lane. Il-konvenut qal ukoll:

“Qabel il-habta lill-attur ma kont rajtu qatt. Nghid ukoll li l-attur kien warajja. Rajt il-karozza ta’ l-attur ghall-ewwel darba meta hrigt mill-vettura.”

Peter Farrugia li kien *front seat passenger* fil-vettura tal-konvenut qal li huma kienu fit-tielet lane u waqt li kienu fit-tielet lane sema’ hoss. Peter Farrugia qal li l-karozza ta’ Casingena:

“Kienet warajna fl-istess lane li konna ahna. Anzi kien fuq il-line bejn ir-raba’ u t-tielet lane.”

Illi filwaqt li l-attur ighid li kien il-konvenut li dahal fil-lane tieghu l-konvenut ighid li dejjem baqa’ fl-istess lane. Ix-xhud prodott mill-konvenut ikkonferma l-verzjoni tal-konvenut. Il-*point of impact* mhux konfermat. Mill-iskizz jirrizulta li filwaqt li l-konvenut spicca fit-tielet lane l-attur spicca fuq il-lemin nett.

Huwa maghruf li:

“F’kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b’tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjoni tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara tort ta’ l-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun ta’ l-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova li allega bhala bazi ta’ l-azzjoni tieghu. (Mallia noe Vs Anastasi PA 3/10/1996).”

F’din il-kawza s-socjeta’ attrici ma gabitx bizzejjed evidenza biex turi li l-konvenut kien b’xi mod negligenti. M’hemmx provi li l-konvenut bidel il-lane.

Ghaldaqstant jichad it-talba attrici bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------